TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Salvatore Andrea Lo Faro**

**Vs**

**Owen Borg**

CCT 211/24/CC

Illum 7 ta' Jannar, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-atturipprezentata fis-6 ta' Ottubru 2024, fejn talab il-hlas ta' l-ammont ta' €240 (mitejn u erbghin ewro) rapprezentanti ammont ta' hgiega ta' bieb, li jinsab fl-appartament ta' l-attur.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, pprezenta risposta, u kkontesta t-talba avvanzata mill-attur, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, dehru l-partijiet li entrambi pproducew il-provi taghhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-attur Salvatore Andrea Lo Faro, u lil konvenut Owen Borg jixhdu bil-gurament fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2024.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'Ottubru 2023 l-attur hallas lil konvenut ghal xoghol ta' aluminju, senjatament bieb u zewg twieqi 'double glazed', li gew installati fl-appartament ta' l-attur. Dan l-appartament attwalment ma huwiex abitabbli.

Illi jirrizulta li fl-ahhar gimgha ta' Awissu 2024 meta l-attur ecceda fl-appartament tieghu, sab il-hgiega tal-bieb imxaqqa'. L-attur jispjega li dan il-bieb ma ha l-ebda daqqa, u jsostni li l-hgiega ixxaqet minn difett ta' manifattura. Illi l-attur jispjega wkoll li fl-istess perjodu, f'appartament fl-istess blokka, gie infurmat mis-sid ta'l-appartament li kien sab il-bieb imxaqqaq ukoll.

Illi in segwitu ghal dan, l-attur avvicina l-konvenut li nfurmah li sabiex il-hgiega tal-bieb tinbidel, dan kellu jhallas l-ammont ta' €240 (mitejn u erbghin ewro). L-attur jsostni li huwa ma ghandux ibaghti spejjez stante li bl-ebda mod ma kien hu li wettaq il-hsara. Ma ntlahaqx ftehim bejn l-attur u l-konvenut, b'dan li l-attur kellu jipprocedi b'din l-istanza.

Illi l-attur ipproduca fl-atti ta' dawn il-proceduri prova tal-hlas ta' l-ammont kumplessiv imhallas lil konvenut, kif ukoll ritratt ta' l-istat attwali tal-hgiega, ghal kompletezza tal-provi.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lil partijiet jixhdu bił-gurament fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2024 u wara li ra d-dokumenti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li l-versjoni tal-provi kif prodotta mill-attur hija kredibbli u ghandha timmerita konferma. Hija l-umli fehma ta' dan it-Tribunal li l-attur ma ghandux ibaghti spejjez ulterjuri ghal hgiega li giet installata f'perjodu ta' inqa minn sena, f'post li attwalment ma huwiex abitabbli. Inoltre, kif kkonfermat mill-attur, u ma giex kontradett mill-konvenut, il-haddiema tal-konvenut ikkonfermaw li ma kien hemm l-ebda daqqa fuq il-bieb, liema punt jikkorabora l-versjoni ta' l-attur, li l-hsara fil-hgiega hija rizultanza ta' difett fil-manifattura.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-attur irnexxielu jipprova l-istanza avvanzata minnu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba tieghu ghandha tigi milqugha, b'dan li l-intimat ghandu jhallas lil attur s-somma ta' €240 (mitejn u erbghin ewro).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mill-attur ghal ammont ta' €240 (mitejn u erbghin ewro) u jordna lil intimat ihallas lil attur is-somma ta' €240 (mitejn u erbghin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mil-intimat.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru